MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2186/2003

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**Poseidon Fisheries Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm120.54c (mija u ghoxrin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) rapprezentanti l-passi kollha neccessarji biex ix-xogholijiet indikati fl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq jitwettqu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Lydia Zerafa li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Awtorita` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm120.54c (mija u ghoxrin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------